MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 756/2007/1

**Francis u Mary konjuġi Camilleri**
***v.***
**Kevin Ellul**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar 2010 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u għalhekk ċaħdet it-tabiet tagħhom.
2. L-atturi fissru illi l-konvenut kien okkupa mingħajr titolu proprjetà tagħhom f'Ħal Għargħur mill-1 ta' Settembru 1994 sal-14 ta' Marzu 2002. Wara sentenza tal-14 ta' Jannar 2002 il-konvenut żgombra mill-fond iżda

naqas milli jħallas kumpens xieraq għall-okkupazzjoni. Billi għalxejn sejħulu, ukoll b'ittra ġudizzjarja tas-6 ta' Diċembru 2005, sabiex iħallas, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut għandu jħallas kumpens għall-okkupazzjoni u tillikwida dak il-kumpens, tikkundannah iħallas is-somma hekk likwidata flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

3. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili.

4. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"L-azzjoni in eżami hija dik biex il-qorti tiddikjara l-intimat responsabbli għall-ħlas ta' kumpens għal okkupazzjoni illeċita …. Ma hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond *de quo* u anqas li l-intimat okkupa l-*maisonette* bejn l-1 ta' Settembru 1994 u l-14 ta' Marzu 2002. Irriżulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-14 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet Francis u Mary miżżewġin Camilleri *vs* Kevin Ellul, l-imsemmi Ellul ġie ordnat jiżgombra mill-*maisonette*. Għalhekk ir-rikorrenti odjerni talbu li wara dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għall-ħlas ta' kumpens jiġi likwidat il-kumpens u jkun hemm ordni għall-ħlas. Issa din l-azzjoni tista' tiġi preskritta bid-dekors ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-kawza fl-ismijiet Paul Abela *vs* Jane Sheehan *et* (App. Inf. 1118/04 PS deċ. 31/10/2007) ingħad:

""għal dak li jikkonċerna d-dekorriment taż-żmien tal-preskrizzjoni, dan, fil-każ hawn ikkontemplat, ma setax jibda jgħaddi ħlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-eżistenza tal-okkupazzjoni bla titolu u ordnat l-iżgumbrament."

"Issa d-data tad-definizzjoni tal-azzjoni hija dik tal-14 ta' Jannar 2002 meta ġiet deċiża l-kawża fuq imsemmija. It-terminu ta' ħames snin applikabbli għall-azzjoni odjerna għalhekk beda jiddekorri fl-14 ta' Jannar 2002 u skada fl-14 ta' Jannar 2007. Ir-rikors ġuramentat *de quo* ġie preżentat fit-13 ta' Lulju 2007. Kien għalhekk li l-intimat eċċepixxa l-preskrizzjoni a bażi tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili minħabba d-dekors tat-terminu preskrittiv ta' ħames snin.

"Għal dan ir-rikorrenti laqgħu billi sostnew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni minħabba li ntbagħtet l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Diċembru 2005.
"Issa jirriżulta mir-riferti eżibiti mir-rikorrenti li din l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata direttament lill-intimat odjern. Minn eżami tad-dokumenti *a fol* 55 sa 58 tal-proċess jirriżulta li l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fis-6 ta' Diċembru 2005. Fil-21 ta' Diċembru 2005 l-ittra ġiet *unclaimed*. Għalhekk saret talba fit-18 ta' Jannar 2006 biex in-notifika ssir wara l-ħin legali, iżda fis-27 ta' Jannar il-Marixxall Andrew Grixti iddikjara li ma fetaħlu ħadd. Għalhekk sar rikors fit-13 ta' Frar 2006 fejn intalab "… li dina l-qorti jogħġobha tordna n-notifika tal-istess intimat permezz tal-proċedura tal-affissjoni".
"Il-qorti … kienet laqgħet it-talba wara li rat ir-rikors, u fil-21 ta' Frar 2006 dina twaħħlet fl-indirizz mogħti, mal-Għassa tal-Għargħur u mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Ma jidher li kien hemm xejn ieħor. Fil-każ ta' ittra oħra uffiċjali, fl-ittra jingħad "jagħmlu referenza għal *Wiġi garage*" filwaqt li fil-każ preċedenti ngħad li "jagħmlu referenza għall-fond imsemmi *Wiġi*". *Inoltre*, il-bqija tal-affarijiet huma l-istess, iżda l-aħħar riferta tat-23 ta' Frar 2006 jingħad li Kevin Ellul ġie notifikat billi l-ittra tħalliet ma' Malanie Micallef.
"L-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 jgħid hekk:
""Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna li n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata

jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skond liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skond kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil."

"L-intimat isostni li n-notifika ma saritx direttament lill-intimat u li l-atturi għamlu talba permezz ta' rikors fl-atti tal-istess ittra uffiċjali sabiex jinnotifikaw lil Kevin Ellul bil-proċedura tal-affissjoni. Sostna li l-istess rikors ma jikkontjenix ukoll talba sabiex in-notifika ssir bil-mezz tal-pubblikazzjoni u għalhekk fil-fehma tal-intimat ma jikkonformax ma' dak rikjest mill-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu *oltre* l-affissjoni jeżiġi li ssir ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u "f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-qorti tiddeċiedi".

"Minn eżami akkurat tal-imsemmi artikolu 187(3) jirriżulta li l-qorti tista' tordna n-notifika bl-affissjoni u billi l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal skond kif il-qorti tiddeċiedi. Il-liġi ma tgħidx "u/jew" iżda "u". Jekk wieħed iħares lejn it-test ingliż, wieħed isib "*the court may direct service to be effected by the posting of a copy of the written pleading … and by publishing a summary …*". Minn dan huwa ċar li ż-żewġ elementi tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni huma neċessarji, u din hija l-interpretazzjoni li din il-qorti kif presjeduta dejjem qieset bħala l-valida. Il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni dwar notifika ta' ittra uffiċjali, ċitazzjoni, rikors. Dan iwassal għall-konklużjoni li notifika bis-sempliċi affissjoni ma tistax titqies bħala validament notifikata."

5. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tad-19 ta' Frar 2010. L-aggravji huma dawn:

6. huwa fakoltativ għall-qorti tordnax affissjoni u pubblikazzjoni flimkien jew waħda jew l-oħra biss, u f'dan il-każ ordnat li ssir affissjoni biss;

7. meta, bħal fil-każ tallum, l-att li jrid jiġi notifikat ma huwiex att li bih tinbeda kawża iżda biss ittra ġudizzjarja, ir-rekwiżiti ta' notifika valida għandhom jiġu applikati b'anqas rigorożità; u

8. fil-każ tallum il-konvenut kien validiment notifikat b'ittra ġudizzjarja oħra tal-atturi ippreżentata fl-

istess jum bl-istess talba għal kumpens dwar proprjetà oħra għalkemm "relatata" ma' dik *de qua*; għalhekk il-konvenut ma jistax igħid illi ma kienx jaf bil-pretensjoni tal-atturi.

9. Il-konvenut wieġeb fis-7 ta' Mejju 2010 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Dwar l-ewwel aggravju – li huwa fakoltativ għall-qorti tordnax affissjoni jew pubblikazzjoni jew it-tnejn flimkien – il-qorti tosserva illi huwa minnu illi l-art. 187(3) jgħid illi "l-qorti *tista'* tordna li n-notifika ssir …". Madankollu, kull ma jfisser dan il-kliem huwa illi l-qorti għandha s-setgħa illi, fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-istess subartikolu, tordna illi n-notifika, flok issir kif normalment issir, *i.e.* minn uffiċjal tal-posta jew minn uffiċjal esekuttiv tal-qorti, issir bil-mod imfisser fl-istess subartikolu. Jekk iżda tkun tal-fehma illi huwa xieraq illi n-notifika ssir b'dak il-mod, u għalhekk tordna illi hekk isir, trid tħares dak li tgħid il-liġi, *i.e.* illi n-notifika ssir "[i] billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, *u* [ii] billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-qorti tiddeċiedi", kif ukoll "meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, [iii] billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza". Li huwa fakoltativ għall-qorti, meta tagħżel dan il-mod ta' notifika, huwa li, b'żjieda ma' dak li ngħad fuq, "tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati".

11. Huwa biss dwar każijiet ta' urġenza illi l-liġi ssemmi "pubblikazzjoni *jew* twaħħil", iżda, billi dan ma kienx każ ta' urġenza, ma huwiex meħtieġ li l-qorti tqis xi jfisser dak il-kliem.

12. It-tieni aggravju – li r-rekwiżiti huma anqas rigorużi fil-każ ta' ittra ġudizzjarja milli fil-każ ta' att li bih tinbeda kawża – għandu aktar meritu u, *de lege ferenda*, huwa ta' min iqisu favorevolment. Meta l-att huwa wieħed li bih tinbeda kawża, u għalhekk in-nuqqas tal-persuna notifikata li twieġeb fiż-żmien jista' jkollu konsegwenzi serji għaliha, jagħmel sens illi l-liġi tkun trid garanziji qawwija illi l-att issir tassew taf bih il-persuna li għandha tiġi notifikata;

f'każijiet fejn ma jkunx hemm dawk il-konsegwenzi, il-ħtieġa għal dawk il-garanziji tkun anqas.

13. Madankollu, il-liġi ma tiddistingwix bejn il-mod kif issir notifika ta' att li bih tinbeda kawża u att ġudizzjarju ieħor[1] u għalhekk l-interpretazzjoni li jridu l-atturi ma tistax issir. Lanqas dan l-aggravju, għalhekk, ma huwa tajjeb.

14. L-aħħar aggravju jgħid illi l-konvenut kien jaf bil-pretensjoni tal-atturi għax kien notifikat b'ittra ġudizzjarja oħra, ippreżentata fl-istess data u bl-istess talbiet għalkemm dwar proprjetà oħra.

15. Dan l-aggravju wkoll huwa ħażin. Il-fatt illi kien notifikat b'att ġudizzjarju bi pretensjoni dwar proprjetà ma jfissirx illi l-konvenut jaf bil-pretensjoni dwar proprjetà oħra. Tant iż-żewġ pretensjonijiet huma magħżula minn xulxin illi l-atturi stess għażlu li jibagħtu żewġ ittri, waħda għal kull pretensjoni, flok ittra waħda għat-tnejn. Barra minn hekk, li trid il-liġi biex tinkiser il-preskrizzjoni hija notifika b'att ġudizzjarju. Li kieku ntbagħtet ittra normali jew saret talba bil-fomm, il-konvenut xorta kien isir "jaf" bil-pretensjoni, iżda b'hekk ma tinkisirx il-preskrizzjoni.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Il-liġi tiddistingwi biss bejn iż-żmien meta jista jiġi notifikat "att ġudizzjarju" preżentat qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-preskrizzjoni u notifikat wara li dak iż-żmien ikun għalaq, u ż-żmien meta tista' tiġi notifikata "talba ġudizzjarja" fl-istess ċirkostanzi; ara artt. 2130(1) u 2131 Kod. Ċiv.